ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 76

Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 53

23 ta' Marzu 2010

Werrej

II *Atti mhux leġislattivi*

REGOLAMENTI

★ **Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 215/2010 tal-5 ta' Marzu 2010 li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja** (1) . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . . 1

(1) Test b'rilevanza għaż-ŻEE

Prezz: 4 EUR

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġislattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 215/2010

**tal-5 ta' Marzu 2010**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2009/158/KE tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-bhejjem li jirregolaw il-kummerċ intra-Komunitarju u l-importazzjoni ta' tajr u bajd tat-tfaqqis minn pajjiżi terzi ([1]), u b'mod partikolari l-Artikoli 23(1), 24(2) u 26(2) tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali li huma għall-konsum mill-bniedem ([2]), u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(1), Artikolu 9(2)(b) u l-Artikolu 9(4) tagħha,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 798/2008 tat-8 ta' Awwissu 2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja ([3]) jistabbilixxi li l-prodotti koperti b'dak ir-Regolament jistgħu biss jiġu importati jew fi tranżitu fl-Unjoni mill-pajjiżi terzi, mit-territorji, miż-żoni jew mill-kumpartimenti elenkati fit-tabella tal-Parti 1 fl-Anness I tiegħu. Jistabbilixxi wkoll ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja għal dawn il-prodotti u l-mudelli ta' ċertifikati veterinarji li jakkumpanjawhom huma stabbiliti fil-Parti 2 ta' dak l-Anness.

(2) Skont l-Artikolu 24(1)(b) tad-Direttiva 2009/158/KE, ma għandhomx jiġu importati prodotti fl-Unjoni minn pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment fejn tkun instabet tifqigħa tal-influwenza tat-tjur jew tal-marda ta' Newcastle u li għalhekk ma jiġux aktar iċċertifikati bħala ħielsa minn waħda minn dawn il-mard, sakemm l-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ma japplikax miżuri biex jikkontrollahom li huma talanqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fid-Direttiva tal-Kunsill 2005/94/KE tal-20 ta' Diċembru 2005 dwar miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-influwenza tat-tjur u li tħassar id-Direttiva 92/40/KEE ([4]) u fid-Direttiva tal-Kunsill 92/66/KEE tal-14 ta' Lulju 1992 li tintroduċi miżuri tal-Komunità għall-kontroll tal-marda ta' Newcastle ([5]).

(3) Parti mit-territorju tal-Brażil u t-territorji tal-Kanada, iċ-Ċilì, il-Kroazja, l-Iżrael u l-Istati Uniti tal-Amerika, kif elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, huma fil-preżent awtorizzati għall-importazzjoni lejn l-Unjoni ta' tjur ħajjin u tar-ratiti, tal-bajd għat-tifqis tat-tjur u ratiti kif ukoll għal-laħam tat-tjur u tar-ratiti.

(4) Dawk is-sitt pajjiżi terzi japplikaw miżuri ta' kontroll għall-marda ta' Newcastle ekwivalenti għal dawk implimentati mill-Istati Membri skont id-Direttiva 92/66/KEE, inkluż it-tqegħid ta' żoni fit-territorju tagħhom taħt restrizzjonijiet uffiċjali fil-każ tat-tfaqqigħ ta' dik il-marda.

(5) Rigward l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur u tar-ratiti fl-Unjoni, l-ekwivalenza tal-miżuri ta' kontroll tal-mard għall-marda ta' Newcastle applikati f'partijiet tal-Brażil u wkoll fl-Iżrael diġà ġiet rikonoxxuta bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2001/659/KE tas-6 ta' Awwissu 2001 li

([1]) ĠU L 343, 22.12.2009, p. 74.
([2]) ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
([3]) ĠU L 226, 23.8.2008, p. 1.
([4]) ĠU L 10, 14.1.2006, p. 16.
([5]) ĠU L 260, 5.9.1992, p. 1.

temenda d-Deċiżjoni 94/984/KE rigward l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk mill-Brażil ([1]) u d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/593/KE tad-29 ta' Lulju 1997 li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u ċ-ċertifikati veterinarji għall-importazzjoni ta' laħam tat-tjur frisk mill-Iżrael ([2]).

(6) Waqt li titqies l-ekwivalenza tal-miżuri ta' kontroll tal-marda ta' Newcastle u l-kapaċità ta' dawk il-pajjiżi terzi biex b'mod effettiv jittrattaw tifqigħa ta' dik il-marda kif ukoll is-sejbiet u l-azzjonijiet segwenti għall-missjonijiet ta' spezzjoni għal dawn il-pajjiżi, huwa xieraq li jiġu stipulati rekwiżiti taċ-ċertifikazzjoni speċifiċi fir-rigward tal-ħelsien minn dik il-marda.

(7) Għall-importazzjoni ta' tjur ħajjin u bajd għat-tifqis tat-tjur u r-ratiti fl-Unjoni l-annotazzjonijiet fil-kolonna 6 dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi fil-Parti 1 tal-Anness I u ċ-ċertifikati veterinarji stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandhom jiġu emendati, sabiex f'każ ta' tifqigħat futuri tal-marda ta' Newcastle fil-Brażil, il-Kanada, iċ-Ċilì, il-Kroazja, l-Iżrael u l-Istati Uniti tal-Amerika, kif elenkati fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament, l-importazzjoni ta' dawk il-prodotti tista' titkompla mill-partijiet ta' dawk il-pajjiżi terzi li ma tqegħdux taħt restrizzjonijiet uffiċjali minħabba l-marda ta' Newcastle.

(8) Għall-importazzjoni tal-laħam tat-tjur u l-laħam tar-ratiti fl-Unjoni l-annotazzjonijiet fil-kolonna 6 dwar il-kundizzjonijiet speċifiċi fil-Parti 1 tal-Anness I u ċ-ċertifikati veterinarji stabbiliti fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandhom jiġu emendati, sabiex f'każ ta' tifqigħat futuri tal-marda ta' Newcastle fil-Kanada, iċ-Ċilì, il-Kroazja, l-Iżrael u l-Istati Uniti tal-Amerika, kif elenkati fil-Parti I tal-Anness 1 ta' dak ir-Regolament, l-importazzjoni ta' dawk il-prodotti tista' titkompla mill-partijiet ta' dawk il-pajjiżi terzi li ma tqegħdux taħt restrizzjonijiet uffiċjali minħabba l-marda ta' Newcastle.

(9) Barra minn hekk, iċ-ċertifikat veterinarju għall-importazzjonijiet tal-laħam tat-tjur stabbilit fil-Parti 2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għandu jiġi emendat sabiex jippermetti l-importazzjonijiet ta' dak il-prodott miksub mit-tjur tal-qatla li joriġina minn pajjiż terz ieħor elenkat fil-Parti 1 tal-Anness I ta' dak ir-Regolament.

(10) Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 411/2009 tat-18 ta' Mejju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 798/2008 li jistabbilixxi lista ta' pajjiżi terzi, territorji, żoni jew kumpartimenti li minnhom jistgħu jiġu importati u jsir tranżitu ta' tjur u prodotti tat-tjur fil-Komunità u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja ([3]) applikati mill-Kanada għall-influwenza tat-tjur b'patoġenità baxxa diġà ġew rikonoxxuti bħala ekwivalenti u r-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ġew emendati kif xieraq; huwa għalhekk xieraq għal raġunijiet ta' konsistenza biex jiġu allinjati dawn ir-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni ma' dawk li għandhom jiġu introdotti mir-Regolament preżenti.

(11) L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għaldaqstant għandu jiġi emendat.

(12) Huwa xieraq li jiġi stipulat perjodu tranżitorju biex jippermetti li l-Istati Membri u l-industrija jieħdu l-miżuri neċessarji biex jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni veterinarja applikabbli pprovduti f'dan ir-Regolament.

(13) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Il-prodotti li għalihom iċ-ċertifikati veterinarji rilevanti ħarġu skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 jistgħu jkomplu jiġu importati jew isir tranżitu fl-Unjoni sal-1 ta' Ġunju 2010.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 5 ta' Marzu 2010

*Għall-Kummissjoni*
José Manuel BARROSO
*Il-President*

---

([1]) ĠU L 232, 30.8.2001, p. 19.
([2]) ĠU L 239, 30.8.1997, p. 51.
([3]) ĠU L 124, 20.5.2009. p. 3.

*ANNESS*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Parti 1 tinbidel b'dan li ġej:

**"PARTI 1**

**Lista ta' pajjiżi terzi, żoni jew kumpartimenti**

| Kodiċi ISO u isem tal-pajjiż terz jew territorju | Kodiċi tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment | Deskrizzjoni tal-pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment | Ċertifikat veterinarju | | Kundizzjonijiet speċifiċi | Kundizzjonijiet speċifiċi | | Status tas-sorveljanza tal-influwenza tat-tjur | Status tat-tilqim tal-influwenza tat-tjur | Status tal-kontroll tas-salmonella |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | Mudell(i) | Garanziji addizzjonali | | Data tal-għeluq (1) | Data tal-ftuħ (2) | | | |
| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
| AL – L-Albanija | AL-0 | Il-pajjiż kollu | EP, E | | | | | | | S4 |
| AR – L-Arġentina | AR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | POU, RAT, EP, E | | | | | A | | S4 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| AU – L-Awstralja | AU-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPP, DOC, HEP, SRP | | | | | | | S0 |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | POU | VI | | | | | | |
| | | | RAT | VII | | | | | | |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| BR – Il-Brażil | BR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | BR-1 | Stati ta':<br><br>Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo u Mato Grosso do Sul | RAT, BPR, DOR, HER, SRA | | N | | | A | | |
| | BR-2 | Stati ta':<br><br>Mato Grosso, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Cata-rina u São Paulo | BPP, DOC, HEP, SRP | | N | | | | | S0 |
| | BR-3 | Distrito Federal u Stati ta':<br><br>Goiás, Minas Gerais, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU | | N | | | | | S4 |
| BW – Il-Botswana | BW-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | RAT | VII | | | | | | |
| CA – Il-Kanada | CA-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR, BPP, DOR, HER, SRA, SRP | | N | | | A | | S1 |
| | | | DOC, HEP | | L, N | | | | | |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | POU, RAT | | N | | | | | |
| CH – L-Isvizzera | CH-0 | Il-pajjiż kollu | ([3]) | | | | | A | | ([3]) |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| CL –Iċ-Ċilì | CL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP | | N | | | A | | S0 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | POU, RAT | | N | | | | | |
| CN –Iċ-Ċina | CN-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| | CN-1 | Provinċja ta' Shandong | POU, E | VI | P2 | 6.2.2004 | — | | | S4 |
| GL – Groenlandja | GL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, WGM | | | | | | | |
| HK – Ħong Kong | HK-0 | It-territorju sħiħ tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong | EP | | | | | | | |
| HR – Il-Kroazja | HR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOR, DOC, HEP, HER, SRA, SRP | | N | | | A | | S2 |
| | | | EP, E, POU, RAT, WGM | | N | | | | | |
| IL – L-Iżrael | IL-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRP | | N | | | A | | S1 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | N | | | | | S4 |
| IN – L-Indja | IN-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| IS – L-Iżlanda | IS-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| KR – Ir-Repubblika tal-Korea | KR-0 | Il-pajjiż kollu | EP, E | | | | | | | S4 |
| ME – Montenegro | ME-O | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| MG – Il-Madagaskar | MG-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E, WGM | | | | | | | S4 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| MY –Il-Malażja | MY-0 | — | — | | | | | | | |
| | MY-1 | Peninżulari tal-Punent | EP | | | | | | | |
| | | | E | | P2 | 6.2.2004 | | | | S4 |
| MK –Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja (4) | MK-0 (4) | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| MX –Il-Messiku | MX-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP | | | | | | | |
| NA – In-Namibja | NA-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR | I | | | | | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | RAT, EP, E | VII | | | | | | S4 |
| NC – New Caledonia | NC-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| NZ – New Zealand | NZ-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP | | | | | | | S0 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | | | | | | S4 |
| PM – Saint Pierre u Miquelon | PM-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| RS – Is-Serbja (5) | RS-0 (5) | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| RU – Il-Federazzjoni Russa | RU-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| SG – Singapor | SG-0 | Il-pajjiż kollu | EP | | | | | | | |
| TH – It-Tajlandja | TH-0 | Il-pajjiż kollu | SPF, EP | | | | | | | |
| | | | WGM | VIII | P2 | 23.1.2004 | | | | |
| | | | E, POU, RAT | | P2 | 23.1.2004 | | | | S4 |

| 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 6A | 6B | 7 | 8 | 9 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| TN – It-Tuneżija | TN-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | DOR, BPR, BPP, HER | | | | | | | S1 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | | | | | | S4 |
| TR – It-Turkija | TR-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| US – L-Istati Uniti | US-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP | | N | | | A | | S3 |
| | | | WGM | VIII | | | | | | |
| | | | EP, E, POU, RAT | | N | | | | | S4 |
| UY – L-Urugwaj | UY-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E, RAT | | | | | | | S4 |
| ZA – L-Afrika t'Isfel | ZA-0 | Il-pajjiż kollu | SPF | | | | | | | |
| | | | EP, E | | | | | | | S4 |
| | | | BPR | I | | | | A | | |
| | | | DOR | II | | | | | | |
| | | | HER | III | | | | | | |
| | | | RAT | VII | | | | | | |
| ZW – Iż-Żimbabwe | ZW-0 | Il-pajjiż kollu | RAT | VII | | | | | | |
| | | | *EP, E* | | | | | | | S4 |

(1) Il-prodotti, inklużi dawk li jinġarru fuq l-ibħra, magħmula qabel din id-data jistgħu jiġu importati fl-Unjoni waqt perjodu ta' 90 jum minn din id-data.

(2) Huma biss il-prodotti li ġew magħmula wara din id-data li jistgħu jiġu importati fl-Unjoni.

(3) Skont il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

(4) Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tkun miftehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.

(5) Ma jinkludux il-Kosovo, kif definit bir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti Nru 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999."

(2) Il-Parti 2 hija emendata kif ġej:

(a) Fit-Taqsima *Kundizzjonijiet Speċifiċi*, l-annotazzjonijiet li ġejjin huma miżjuda wara l-annotazzjoni 'P3':

"'N': Ingħataw garanziji li l-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tal-marda ta' Newcastle fil-pajjiż terz jew it-territorju hija ekwivalenti għal dik applikata fl-Unjoni. F'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle, l-importazzjonijiet jistgħu jibqgħu jiġu awtorizzati mill-pajjiż terz jew it-territorju mingħajr bdil fil-kodiċi tal-pajjiż terz jew il-kodiċi tat-territorju. Madankollu, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni miż-żoni kollha li jitqegħdu taħt restrizzjonijiet uffiċjali mill-awtorità kompetenti ta' pajjiż terz jew tat-territorju kkonċernati minħabba t-tifqigħa ta' dik il-marda għandhom jiġu awtomatikament ipprojbiti.

'L': Ingħataw garanziji li l-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tal-influwenza tat-tjur fil-pajjiż terz jew fit-territorju hija ekwivalenti għal dik applikata fl-Unjoni. F'każ ta' tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità baxxa, l-importazzjonijiet jistgħu jibqgħu jiġu awtorizzati mill-pajjiż terz jew mit-territorju mingħajr bdil fil-kodiċi tal-pajjiż terz jew fil-kodiċi tat-territorju. Madankollu, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni miż-żoni kollha li jitqegħdu taħt restrizzjonijiet uffiċjali mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju kkonċernati minħabba t-tifqigħa ta' dik il-marda għandhom jiġu awtomatikament ipprojbiti."

(b) Il-mudelli ta' ċertifikati veterinarji BPP, BPR, DOC, DOR, HEP u HER huma mibdula minn dawn li ġejjin:

**"Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr ir-ratiti (BPP)**

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza

I.2.a

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO

I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Pajjiż ta' oriġini
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz

I.12.

I.13. Post ta' tgħabija
Indirizz — Numru ta' approvazzjoni

I.14. Data ta' tluq — Ħin ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17. Numru/i tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati
Tgħammir ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (isem xjentifiku) | Razza/Kategorija | Kwantità |
| --- | --- | --- |
| | | |

**PAJJIŻ** **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr ir-ratiti)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. | Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li t-tjur (1) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 baqgħu fi:

(2) (3) *jew* [it-territorju tal-kodiċi.......................................................;]

(3) (4) *jew* [kumpartiment(i)………………..............................................;]

għal talanqas tliet xhur jew sa mit-tfaqqis jekk dan ikun sar inqas minn tliet xhur qabel; li kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti talanqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kwalunkwe Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

(2) (3) (12) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ………………………………,]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i)………………....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

(2) (3) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ………………………………,]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i) ………………………………,]

(3) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja u b'patoġenità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(3) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

(3) *jew* [(a) it-tjur ġejjin minn stabbiliment li fih saret is-sorveljanza għall-influwenza tat-tjur b'riżultati negattivi fil-21 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;]

(3) *jew* [(a) matul il-21 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni t-tjur inżammu f'post separat minn tjur oħra u sar test tas-sejba tal-vajrus b'riżultati tal-ittestjar negattivi għall-influwenza tat-tjur fuq kampjun każwali ta' tajjar bil-ħmieġ u trakeali/jew orofarinġeali meħud minn talanqas 60 tajra fil-konsenja jew mit-tjur kollha jekk hemm inqas minn 60 tajra fil-konsenja;]

(b) it-tjur ġejjin minn stabbiliment:

— li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum fl-ebda stabbiliment;

— fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbiliment fejn ġiet skoperta l-influwenza tat-tjur fl-aħħar 30 jum;]

II.1.5 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza tat-tjur;

II.1.6 ġej minn stabbiliment(i) definiti fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I approvati uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma talanqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE, fejn inżammu minn meta faqqsu jew għal talanqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-esportazzjoni, u

(a) l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

(b) li, fil-ħin tal-konsenja, ma kienx (kinux) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 ġejjin minn qatgħa li:

(a) ġiet eżaminata mhux aktar minn 24 siegħa qabel it-tagħbija u ma wriet l-ebda sinjal kliniku ta' jew ma tat l-ebda raġuni biex tkun issuspettata bi kwalunkwe marda;

(b) għaddiet minn programm ta' sorveljanza tal-mard għal:

(3) *jew* [*Salmonella* Pullorum, *S.* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (tajr);]

(3) *jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(K)), *S.* Pullorum u *S.* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *M. gallisepticum* (dundjani);]

(3) *jew* [*Salmonella* pullorum u *S.* gallinarum (farawni, summien, faġani, perniċi u papri);]

skont il-Kapitolu III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE u ma nstabx li hi infettata, jew ma wriet l-ebda sinjal biex tkun suspettata xi infezzjoni, minn dawn l-aġenti;

(3) *jew* [(c) ma tlaqqmitx kontra l-marda ta' Newcastle;]

(3) *jew* [(c) tlaqqmet kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta':

..........................................................................................................................................

(isem u tip (ħaj jew inattiv)
tar-razza tal-vajrus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin(i))

fl-età ta' ................................ ġimgħat;

(5) *u/jew* [(d) tlaqqmet billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment fuq

……………………………………… kontra …………………………………… (irrepeti kif hemm bżonn);]

II.1.8 ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

II.1.9 fil-perjodu msemmi f'II.1.6, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr selvaġġ.

II.2. **Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**

(6) [II.2.1 Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa tal-oriġini u din il-qatgħa ġiet ittestjata għal serotipi tas-*Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika.

Data tal-aħħar teħid ta' kampjuni tal-qatgħa li minnha hu magħruf ir-riżultat tal-ittestjar: ………………..(jj/xx/żżżż);

Riżultat tal-ittestjar kollu tal-qatgħa:

(3) (7) *jew* [pożittiv;]

(3) (7) *jew* [negattiv;]

Għal raġunijiet oħra minbarra l-programm ta' kontroll tas-Salmonella, fl-aħħar tliet ġimgħat qabel l-importazzjoni:

(3) *jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati fuq it-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr ir-ratiti;]

(3) (8) *jew* [jew l-antimikrobiċi li ġejjin ġew amministrati lil tjur għat-tgħammir jew għall-produzzjoni għajr għal dawk it-tjur li ma jtirux: ……………………………………;]]

(6) [II.2.2 Jekk tjur tat-tgħammir, ma nstabet la s-*Salmonella* Enteritidis u lanqas is-*Salmonella* Typhimurium fi ħdan il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2.1.]

II.3. **Garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

(9) [II.3.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, it-tajr deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;

(b) inżamm f'iżolament għal 14-il jum qabel il-konsenja fi stabbiliment taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali. B'rabta ma' dan, l-ebda tajr fl-istabbiliment tal-oriġini jew tal-istazzjon tal-kwarantina, kif applikabbli, ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle fi żmien 21 jum qabel il-konsenja u l-ebda tajra li ma kinitx maħsuba għall-konsenja ma daħlet f'dak iż-żmien;

(c) sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14 il-jum qabel il-konsenja u rriżultaw negattivi;]

(5) [II.3.2 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stabbiliti mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE huma provvduti;

..........................................................................................................................;]

(9) [II.3.3 jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja:

(3) *jew* [it-tjur tat-tgħammir irriżultaw negattivi għat-test skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE;]

(3) *jew* [it-tiġieġ li jbidu (tjur produttiv imrobbi biex jipproduċi l-bajd għall-konsum) irriżultaw negattivi għat-test skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2004/235/KE.]

II.4. **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

(10) [Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI(II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

(2) (3) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ……………………………,]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i) ……………………………,]

it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux għal talanqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk il-vaċċini;

(b) ġejjin minn xi qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test ta' iżolament tal-vajrus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel ma saret il-konsenja fuq kampjun każwali ta' tajjar bil-ħmieġ minn talanqas 60 tajra f'kull qatgħa u li fih ma nstabu l-ebda paramiksovajrusis avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) fis-60 jum ta' qabel il-konsenja ma kienux f'kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-istabbiliment tal-oriġini fil-perjodu ta' 14-il jum msemmi f'(b).]

(11) II.5. **Attestazzjoni tal-ġarr tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li t-tjur jinġarru f'kannestri jew gaġeġ li:

(a) fihom biss tjur tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess stabbiliment;

(b) għandhom in-numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment tal-oriġini;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(d) minbarra l-vetturi li fihom jinġarru, huma maħsuba biex:

(i) jipprevjenu l-ħruġ ta' ħmieġ u jnaqqsu għal-livell l-aktar baxx kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżiva tat-tjur;

(iii) jippermettu t-tindif u d-diżinfettazzjoni;

(e) ġew imnaddfa u diżinfettati, bħalma ġew ukoll il-vetturi li fihom jinġarru, qabel it-tagħbija skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru ta' approvazzjoni tal-istabbiliment tat-tgħammir u t-tkabbir.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u t-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjira tal-ajruplan. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (HS – Harmonised System) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija: 01.05 jew 01.06.39.

— Kaxxa I.28: (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/tjur li jbidu/oħrajn.

**Parti II:**

(1) Tjur tat-tgħammir u tjur produttivi kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(2) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(3) Żomm kif xieraq.

(4) Daħħal l-isem tal-kumpartiment(i).

(5) Żomm jekk xieraq.

(6) Din il-garanzija tapplika biss għat-tjur li jappartjenu għall-ispeċi ta' *Gallus gallus*.

(7) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

— qatgħat ta' tjur għat-tgħammir: *Salmonella* Hadar, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Infantis;

— qatgħat ta' tjur produttivi: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

(8) Imla kif jixraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi wżati.

(9) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

(10) Din il-garanzija hi meħtieġa biss għat-tjur li jiġu mill-pajjiżi, territorji, żoni jew kumpartimenti fejn japplika l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(11) Jekk jogħġbok innota li skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jiċċekkjaw jekk humiex tajbin biex ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

(12) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni 'N' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għat-tjur tat-tgħammir u produttivi għajr ir-ratiti (BPP) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal għaxart ijiem.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:

## Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għar-ratiti tat-tgħammir jew produttivi (BPR)

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza

I.2.a

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO

I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Pajjiż ta' oriġini
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz

I.12.

I.13. Post ta' tgħabija
Indirizz — Numru ta' approvazzjoni

I.14. Data ta' tluq — Ħin ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17. Numru/i tas-CITES

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)
**01.06.39**

I.20. Kwantità

I.21.

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur

I.24.

I.25. Prodotti ċċertifikati
Tgħammir ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (isem xjentifiku) | Razza/Kategorija | Sistema ta' identifikazzjoni | Numru ta' identifikazzjoni | Kwantità |
|---|---|---|---|---|

**PAJJIŻ** **BPR (ratiti tat-tgħammir jew produttivi)**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| II. | Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li r-ratiti (1) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 baqgħu fi:

(2) (3) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ……………………………]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i) ……………………………]

għal talanqas tliet xhur jew sa mit-tfaqqis jekk dan ikun sar inqas minn tliet xhur qabel; li kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti talanqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kwalunkwe Deċiżjoni sussidjarja;

I.1.3 ġejjin minn:

(2) (3) (9) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ……………………………,]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i) ……………………………,]

(3) *jew* [(a) li ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(3) (5) *jew* [(a) li mhux ħieles (mhumiex ħielsa) mill-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

(2) (3) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ……………………………,]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i) ……………………………,]

(3) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja u b'patoġenità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(3) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

(3) *jew* [(a) ir-ratiti ġejjin minn stabbiliment li fih fil-21 jum qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni twettqet is-sorveljanza għall-influwenza tat-tjur b'riżultati negattivi;]

(3) *jew* [(a) matul il-21 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni r-ratiti nżammu f'post separat minn tajr ieħor u sar test għas-sejba tal-vajrus b'riżultati tal-ittestjar negattivi għall-influwenza tat-tjur fuq kampjun każwali ta' tajjar bil-ħmieġ u trakeali/jew orofarinġeali meħud minn talanqas 60 ratit fl-konsenja jew mir-ratiti kollha jekk hemm inqas minn 60 ratit fil-konsenja;]

(b) ir-ratiti ġejjin minn stabbiliment:

— li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fl-ebda stabbiliment;

— fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbiliment fejn ġiet skoperta l-influwenza tat-tjur fl-aħħar 30 jum;]

II.1.5 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza tat-tjur;

II.1.6 ġejjin minn stabbiliment(i) definiti fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I approvati uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma talanqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE, fejn inżammu minn meta faqqsu jew għal talanqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-esportazzjoni, u

(i) l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

(ii) li mhu (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(iii) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 jum ta' qabel;

| | |
|---|---|
| II.1.7 | ġejjin minn qatgħa li: |
| | (a) ġiet eżaminata mhux aktar minn 24 siegħa qabel it-tagħbija u ma wriet l-ebda sinjal kliniku ta' jew ma tat l-ebda raġuni biex tkun issuspettata bi kwalunkwe marda; |
| (3) *jew* | [(b) ma tlaqqmitx kontra l-marda ta' Newcastle;] |
| (3) *jew* | [(b) tlaqqmet kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta': |
| | ........................................................................................................ |
| | (isem u tip (ħaj jew inattiv) tar-razza tal-vajrus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin(i)) |
| | fl-età ta' ................................ ġimgħat;] |
| (6) *u/jew* | [(c) tlaqqmet billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment fuq |
| | ………………………………… kontra ………………………………… (irrepeti kif hemm bżonn);] |
| (6) [II.1.8 | meta jkunu ġejjin minn pajjiżi fl-Ażja jew l-Afrika: |
| (3) *jew* | [inżammu f'iżolament f'postijiet li ma jgħaddux qurdien minnhom taħt programm approvat uffiċjalment għall-kontroll tal-ġrieden għal talanqas 21 jum qabel jiġu importati fl-Unjoni;] |
| (3) *jew* | [għaddew minn trattament biex jiżgura li l-qurdien kollu ta' fuqhom inqerdu qabel ma tmexxew għall-inħawi mħarsa mill-qurdien; speċifikazzjoni tat-trattament: ……………………………………………….;] |
| (3) *jew* | [wara li damu 14 il-jum f'postijiet li ma jgħaddux qurdien minnhom, sar it-test kompetittiv ELISA fuqhom għall-antikorpi ta' deni emoraġiku Kongo-Krimejan u r-ratiti kollha li tneħħew mill-iżolament irriżultaw negattivi għat-test;]] |
| II.1.9 | ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda; |
| II.1.10 | fil-perjodu msemmi f'II.1.6, ma ġewx f'kuntatt ma' ratiti li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr ieħor. |
| II.2. | **Garanziji addizzjonali** |
| | Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li: |
| (7) [II.2.1 | fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, ir-ratiti deskritti f'dan iċ-ċertifikat: |
| | (a) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle; |
| | (b) inżammu f'iżolament għal 14-il jum qabel il-konsenja fi stabbiliment taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali. B'rabta ma' dan, l-ebda ratiti u tajr ieħor fl-istabbiliment ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle matul il-21 jum qabel il-konsenja u l-ebda tajra li ma kinitx maħsuba għall-konsenja ma daħlet f'dak iż-żmien; |
| | (c) sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14 il-jum qabel il-konsenja u rriżultaw negattivi;] |
| (6) [II.2.1 | il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stabbiliti mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE huma provvduti; |
| | ........................................................................................................;] |
II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertika li skont id-Direttiva 2009/158/KE, ir-ratiti (1) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 ġejjin minn:

(2) (3) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ……………………………….,]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i) ……………………………….,]

fejn baqgħu għal talanqas sitt ġimgħat jew mindu faqqsu jekk għandhom inqas minn sitt ġimgħat qabel l-importazzjoni fl-Unjoni. Fejn kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti talanqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kwalunkwe Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.2 ġejjin minn:

(2) (3) (9) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ……………………………….,]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i) ……………………………….,]

(3) *jew* [(a) li ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(3) (5) *jew* [(a) li ma kienx ħieles (ma kinux ħielsa) mill-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza tat-tjur skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.3 ġejjin minn:

(2) (3) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ……………………………….,]

(3) (4) *jew* kumpartiment(i) ……………………………….,]

(3) *jew* [II.1.3.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja u b'patoġenità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(3) *jew* [II.1.3.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

(3) *jew* [(a) ir-ratiti ġejjin minn stabbiliment li fih fil-21 jum qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni twettqet is-sorveljanza għall-influwenza tat-tjur b'riżultati negattivi;]

(3) *jew* [(a) matul il-21 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni r-ratiti nżammu f'post separat minn tajr ieħor u sar test għas-sejba tal-vajrus b'riżultati tal-ittestjar negattivi għall-influwenza tat-tjur fuq kampjun każwali ta' tajjar bil-ħmieġ u trakeali/jew orofarinġeali meħud minn talanqas 60 tajra fil-konsenja jew mit-tjur kollha jekk hemm inqas minn 60 tajra fil-konsenja;]

(b) ir-ratiti ġejjin minn stabbiliment:

– li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm l-influwenza tat-tjur b'patoġeniċità baxxa fl-ebda stabbiliment;

– fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbiliment fejn ġiet skoperta l-influwenza tat-tjur fl-aħħar 30 jum;]

II.1.4 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza tat-tjur;

II.1.5 inżammu mindu faqqsu jew għal talanqas it-30 jum ta' qabel fuq l-istabbiliment(i) tal-oriġini;

(a) li mhu (mhumiex) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(b) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.6 ġejjin minn qatgħat li:

(a) ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

(3) *jew* [(b) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

(3) *jew* [(b) tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta':

..........................................................................................................................................................................................

(isem u tip (ħaj jew inattiv)
tar-razza tal-vajrus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin(i))

fl-età ta' ................................ ġimgħat;]

(7) [(c) tlaqqmu billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment fuq

................................ kontra ........................... (irrepeti kif hemm bżonn);]

II.1.7 ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

II.1.8 fil-perjodu msemmi f'II.1.5, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr selvaġġ.

II.2. **Garanziji addizzjonali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

(6) [II.2.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, ir-ratiti:

(3) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle u sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja u rriżultaw negattivi;]

(3) *jew* [tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle iżda mhux b'vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-konsenja u għaddew minn test tal-iżolament tal-vajrus għall-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja fuq kampjun każwali ta' tajjar bil-ħmieġ jew kampjuni tal-ħmieġ minn talanqas 60 tajra u rriżultaw negattivi;]]

(7) [II.2.2 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE, huma previsti:

..........................................................................................................................................................................................;]

(6) [II.2.3 jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja, ir-ratiti:

(3) *jew* [sar test mikrobijoloġiku fuqhom permezz tat-teħid ta' kampjuni fuq l-istabbiliment tal-oriġini li riżulta negattiv skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 95/410/KE;]

(3) *jew* [ġejjin minn stabbiliment soġġett għal programm rikonoxxut mill-Kummissjoni Ewropea bħala ekwivalenti għall-programm nazzjonali tal-Finlandja jew l-Isvezja, kif xieraq.]]

II.3. **Rekwiżiti addizzjonali tas-saħħa għall-pajjiżi li mhumiex ħielsa mill-marda ta' Newcastle**

(5) [Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li r-ratiti deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) tqegħdu taħt sorveljanza uffiċjali għal talanqas 21 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni fi stazzjon tal-kwarantina kif definit fl-Artikolu 2 tad-Direttiva 2009/158/KE u approvata mill-awtorità kompetenti:

(in-numru tal-approvazzjoni u l-indirizz tal-istazzjon tal-kwarantina ........................................);

(b) għaddew minn test ta' iżolament tal-vajrus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali sebgħa sa għaxart ijiem wara d-dħul fi stazzjon tal-kwarantina jew fuq tajjar bil-ħmieġ jew fuq kampjuni tal-ħmieġ ta' kull tajra u li fihom l-ebda iżolati tal-paramiksovajrus tat-tjur tat-tip 1 b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4 ma nstabu. Kienu disponibbli riżultati favorevoli mit-tajr kollu fil-konsenja qabel ma tneħħew mill-istazzjon tal-kwarantina għall-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) ġejjin minn qatgħat li fihom saret is-sorveljanza għall-marda ta' Newcastle skont pjan kampjunarju bbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal talanqas sitt xhur eżatt qabel l-importazzjoni fl-Unjoni.]

II.4. **Attestazzjoni tal-ġarr tal-annimali**

([8]) Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li r-ratiti jinġarru f'kannestri jew gaġeġ li:

(a) fihom biss ratiti tal-istess speċi, kategorija u tip li ġejjin mill-istess stabbiliment;

(b) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kwalunkwe possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut;

(c) minbarra l-vetturi li fihom jinġarru, huma maħsuba biex:

(i) jipprevjenu l-ħruġ ta' ħmieġ u jnaqqsu għal-livell l-aktar baxx kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżiva tat-tjur;

(iii) jippermettu t-tindif u d-diżinfettazzjoni;

(d) ġew imnaddfa u diżinfettati, bħalma ġew ukoll il-vetturi li fihom jinġarru, qabel ma tgħabbew skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u t-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjira tal-ajruplan. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

**Parti II:**

(1) Ratiti tfisser tajr tat-tip Struthioniformes (Casuariidae, Rheidae, Struthionidae). Wara l-importazzjoni, ir-ratiti għandhom jintbagħtu b'mod immedjat lejn il-biċċerija tad-destinazzjoni skont l-Artikolu 18(5) it-tieni subparagrafu tad-Direttiva 2009/158/KE.

(2) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(3) Żomm kif xieraq.

(4) Daħħal l-isem tal-kumpartiment(i).

(5) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'V' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008. Madankollu, dan ma japplikax għar-ratiti tal-qatla li ġejjin mill-kumpartimenti.

(6) Għandha titħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

(7) Imla kif jixraq.

(8) Jekk jogħġbok innota li skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jiċċekkjaw jekk humiex tajbin biex ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

(9) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni 'N' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għar-ratiti tal-qatla (SRA) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal għaxart ijiem.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:

## Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal-laħam tat-tjur (POU)

**PAJJIŻ** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

I.1. Kunsinnatur
Isem
Indirizz
Tel.

I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza

I.2.a

I.3. Awtorità ċentrali kompetenti

I.4. Awtorità lokali kompetenti

I.5. Destinatarju
Isem
Indirizz
Kodiċi Postali
Tel.

I.6.

I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO

I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi

I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO

I.10.

I.11. Pajjiż ta' oriġini
Isem — Numru ta' approvazzjoni
Indirizz

I.12.

I.13. Post ta' tgħabija

I.14. Data ta' tluq

I.15. Mezz ta' trasport
Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐
Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐
Identifikazzjoni:
Referenzi Dokumentarji:

I.16. BIP tad-dħul fl-UE

I.17.

I.18. Deskrizzjoni tal-prodott

I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)

I.20. Kwantità

I.21. Temperatura ta' prodotti
Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐

I.22. Numru ta' pakketti

I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur

I.24. Tip ta' ippakkettar

I.25. Prodotti ċċertifikati
Konsum uman ☐

I.26.

I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (isem xjentifiku) | Natura tal-oġġetti | Biċċerija | Impjant tal-manifattura | Maħżen imkessaħ | Numru ta' pakketti | Piż nett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Numru ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti | | | | |

**PAJJIŻ**

**POU (laħam tat-tjur)**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. | Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

II.1 **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li jiena konxju tad-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nri 178/2002, 852/2004, 853/2004 u 854/2004 u b'dan qed niċċertifika li l-laħam tat-tjur (1) deskritt f'dan iċ-ċertifikat inkiseb skont dawk ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li:

(a) ġej minn stabbiliment(i) li jimplimentaw programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(b) ġie prodott skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsimiet II u V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) instab li hu tajjeb għall-konsum mill-bniedem wara spezzjonijiet qabel u wara l-awtopsja li saru skont it-Taqsima IV, Kapitlu V tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004;

(d) ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) jissodisfa l-kriterji rilevanti stipulati fir-Regolament (KE) Nru 2073/2005 dwar kriterji mikrobijoloġiċi għall-oġġetti tal-ikel;

(f) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet dwar ir-residwi li ġew sottomessi skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, ġew issodisfati;

(2) [(g) jissodisfa r-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1688/2005 li jimplementa r-Regolament (KE) No 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fejn għandhom x'jaqsmu l-garanziji speċjali li jikkonċernaw is-*Salmonella* għall-konsenji lejn il-Finlandja u l-Isvezja ta' ċerti laħam u bajd;

II.2 **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li l-laħam tat-tjur deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1 ġej minn:

(3) (4) (6) *jew* [it-territorju tal-kodiċi ………………………………,]

(4) (5) *jew* [il-kumpartiment(i) ………………………………,]

li, fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx):

l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

l-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.2.2 inkiseb minn tjur li:

(4) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza tat-tjur;]

(4) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur skont pjan ta' tilqim skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

…………………………………………………………………………………………………………

(isem u tip ta' vaċċini(i) użat(i))

fl-età ta' ................................ ġimgħat;]

II.2.3 inkiseb minn tjur li nżammu fi:

(3) (4) (9) *jew* [it-territorju(i) bil-kodiċi. ………………………………]

(4) (5) (9) *jew* [kumpartiment(i) ………………………………]

mindu tfaqqsu jew ġew importati bħala flieles ta' jum jew tjur tal-qatla minn (a) terzi pajjiż(i) elenkati għal dak il-prodott fil-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 skont kundizzjonijiet talanqas ekwivalenti għal dawk ta' dak ir-Regolament;

II.2.4 inkiseb minn tjur li ġejjin minn stabbilimenti:

(a) li mhuma soġġetti għall-ebda restrizzjoni dwar saħħet l-annimali;

(b) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 jum ta' qabel;

II.2.5 inkiseb minn tjur li:

([7]) (a) nqatlu fi …………………… (jj/xx/ssss) jew bejn …………………… (jj/xx/ssss) u …………………… (jj/xx/ssss);

(b) ma nqatlux taħt l-ebda skema tas-saħħa tal-annimali għall-kontroll jew l-eradikazzjoni tal-mard tat-tjur;

(c) waqt it-trasport lejn il-biċċerija, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur infettati bl-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew bil-marda ta' Newcastle;

II.2.6 (a) ġejjin minn biċċeriji approvati li, fil-ħin tal-qatla, ma kinux taħt restrizzjonijiet minħabba tifqigħa suspettata jew konfermata tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle u f'raġġ ta' 10 km minnhom ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 jum ta' qabel:

(b) fil-ħin tal-qatla, tqattigħ, ħżin jew ġarr ma ġewx f'kuntatt ma' tjur jew laħam fi stat ta' saħħa inferjuri;

([8]) [II.2.7 ġej minn tjur tal-qatla li:

(a) ma tlaqqmux b'vaċċini ppreparati minn żerriegħa ewlenija tal-vajrus tal-marda ta' Newcastle li turi patoġenità ogħla mir-razaz lentoġeniċi tal-vajrus;

(b) għaddew minn test ta' iżolament tal-vajrus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali fil-ħin tal-qatla fuq kampjun każwali ta' tajjar bil-ħmieġ minn talanqas 60 tajra f'kull qatgħa ikkonċernata u li fih ma nstabu l-ebda paramiksovajrusis avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) ma ġewx f'kuntatt fit-30 jum ta' qabel il-qatla ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b).]

II.3. **Attestazzjoni tal-benesseri tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li qrajt u fhimt id-Direttiva 93/119/KE u li l-laħam deskritt f'dan iċ-ċertifikat ġej minn tjur li ġie ttrattat skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 93/119/KE fil-biċċerija qabel u waqt it-tbiċċir jew qatla.

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u t-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjira tal-ajruplan. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi tas-Sistema Armonizzata (HS – Harmonised System) tal-Organizzazzjoni Doganali Dinjija: 02.07 jew 02.08.90.

**Parti II:**

(1) 'Laħam tat-tjur' tfisser il-partijiet li jittieklu ta' tjur imkabbra fl-irziezet li mhumiex ikkunsidrati bħala domestiċi li iżda huma mkabbra bħala annimali domestiċi, bl-eċċezzjoni tar-ratiti, li ma sarilhom l-ebda trattament minbarra trattament kiesaħ biex jiżgura l-preservazzjoni; laħam ippakkjat bil-vakwu jew laħam ippakkjat f'atmosfera kkontrollata għandu jkun akkumpanjat ukoll b'ċertifikat skont dan il-mudell.

Dan jinkludi wkoll laħam ta' tjur tal-kaċċa selvaġġ imkabbar fl-irziezet kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(2) Ħassar jekk il-konsenja mhix maħsuba għall-importazzjoni lejn l-Isvezja jew il-Finlandja.

(3) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(4) Żomm kif xieraq.

(5) Daħħal l-isem tal-kumpartiment(i).

(6) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni 'N' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għal-laħam tat-tjur (POU) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

(7) Indika d-data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma għandhomx jitħallew meta jinkisbu minn tjur li nqatlu fit-territorju jew il-kumpartiment(i) imsemmi(ja) taħt II.2.1 matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju jew minn dan (dawn) il-kumpartiment(i).

(8) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'VI' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(9) Jekk il-laħam ġej minn tjur tal-qatla li joriġinaw minn pajjiż(i) terz(i) ieħor (oħrajn) elenkat/i f'Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 għall-importazzjonijiet ta' dak il-prodott fl-Unjoni, il-kodiċi/kodiċijiet tal-pajjiż(i) jew tat-territorju(i) ta' dak/dawk il-pajjiż(i) u tal-pajjiż terz li joqtol it-tjur għandu jiġi indikat/għandhom jiġu indikati.

Veterinarju uffiċjali

| | |
|---|---|
| Isem (b'ittri kbar): | Kwalifika u titolu: |
| Data: | Firma: |
| Timbru:" | |

(d) Il-mudell taċ-ċertifikat veterinarju RAT qed jinbidel b'dan li ġej:

**"Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal-laħam ta' ratiti mkabbra fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT)**

**LAND** **Iċ-ċertifikat veterinarju għall-UE**

**Parti I: Dettalji tal-kunsinja mibgħuta**

| | |
|---|---|
| I.1. Kunsinnatur<br>Isem<br>Indirizz<br>Tel. | I.2. Numru ta' ċertifikat ta' riferenza / I.2.a<br>I.3. Awtorità ċentrali kompetenti<br>I.4. Awtorità lokali kompetenti |
| I.5. Destinatarju<br>Isem<br>Indirizz<br>Kodiċi Postali<br>Tel. | I.6. |
| I.7. Pajjiż ta' oriġini — Kodiċi ISO / I.8. Reġjun ta' oriġini — Kodiċi | I.9. Pajjiż ta' destinazzjoni — Kodiċi ISO / I.10. |
| I.11. Pajjiż ta' oriġini<br>Isem — Numru ta' approvazzjoni<br>Indirizz | I.12. |
| I.13. Post ta' tgħabija | I.14. Data ta' tluq |
| I.15. Mezz ta' trasport<br>Ajruplan ☐ Vaxxel ☐ Vagun ☐<br>Vejikolu tat-triq ☐ Oħrajn ☐<br>Identifikazzjoni:<br>Referenzi Dokumentarji: | I.16. BIP tad-dħul fl-UE<br>I.17. |
| I.18. Deskrizzjoni tal-prodott | I.19. Kodiċi tal-Komodità (Kodiċi HS)<br>**02.08.90**<br>I.20. Kwantità |
| I.21. Temperatura ta' prodotti<br>Ambjent ☐ Imkessaħ ☐ Friżat ☐ | I.22. Numru ta' pakketti |
| I.23. Numru tas-sigill/tal-kontenitur | I.24. Tip ta' ippakkettar |
| I.25. Prodotti ċċertifikati<br>Konsum uman ☐ | |
| I.26. | I.27. Għall-importazzjoni jew l-ammissjoni fl-UE ☐ |

I.28. Identifikazzjoni tal-prodotti

| Speċi (isem xjentifiku) | Natura tal-oġġetti | Biċċerija | Impjant tal-manifattura | Maħżen imkessaħ | Numru ta' pakketti | Piż nett |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Numru ta' approvazzjoni tal-istabbilimenti | | | | |

**PAJJIŻ**

**RAT (laħam tar-ratiti mkabbra fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem)**

**Parti II: Ċertifikazzjoni**

| II. | Informazzjoni dwar is-saħħa | II.a Numru ta' referenza taċ-ċertifikat | II.b. |
|---|---|---|---|

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa pubblika**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niddikjara li konxju mid-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolamenti (KE) Nri 178/2002, 852/2004, 853/2004 u 854/2004 u b'dan niċċertifika li l-laħam tar-ratiti (1) deskritt f'dan iċ-ċertifikat inkiseb skont dawk ir-rekwiżiti, b'mod partikolari li:

(a) ġej minn stabbiliment(i) li jimplimentaw programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-HACCP skont ir-Regolament (KE) Nru 852/2004;

(b) ġie prodott skont il-kundizzjonijiet stipulati fit-Taqsimiet III u V tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(c) instab li hu tajjeb għall-konsum uman wara spezzjoni qabel u wara l-awtopsja skont it-Taqsima IV, il-Kapitolu VII tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 854/2004 (2);

(d) ġie mmarkat b'marka ta' identifikazzjoni skont it-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(e) il-garanziji li jkopru l-annimali ħajjin u l-prodotti tagħhom ipprovduti mill-pjanijiet tar-residwi sottomessi skont id-Direttiva 96/23/KE, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tagħha, intlaħqu.

II.2. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-laħam tar-ratiti deskritt f'dan iċ-ċertifikat:

II.2.1 ġej minn:

(2) (3) (5) jew [it-territorju tal-kodiċi ……………………………..,]

(2) (4) *jew* [kumpartiment(i) ……………………………..,]

li, fid-data tal-ħruġ taċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx):

l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u

(6) [il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

II.2.2 inkiseb minn ratiti li:

(2) *jew* [ma tlaqqmux kontra l-influwenza tat-tjur;]

(2) *jew* [tlaqqmu kontra l-influwenza tat-tjur skont pjan ta' tilqim skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008 bl-użu ta':

……………………………………………………………………………………………………………

(isem u tip ta' vaċċini(i) użat)

fl-età ta' ................................ ġimgħat;]

(7) inqatlu fi ………………… (jj/xx/ssss) jew bejn …………………… (jj/xx/ssss) u …………………… (jju/dd/ssss);

II.2.3 ġie:

(2) (6) *jew* [II.2.3.1 miksub minn ratiti mrobbija fl-irziezet li nżammu dejjem fi:

(2) (3) *jew* [it-territorju(i) bil-kodiċi ……………………………..]

(2) (4) *jew* [il-kumpartiment(i) ……………………………..]

għal talanqas tliet xhur qabel il-qatla jew mindu tfaqqsu;]

(2) (8) *jew* [II.2.3.1 imnaddaf mill-għadam u l-ġilda u nkiseb minn ratiti mkabbra fl-irziezet li nżammu dejjem fi:

(2) (3) *jew* [it-territorju(i) bil-kodiċi ……………………………..]

(2) (4) *jew* [kumpartiment(i) ……………………………..]

għal talanqas tliet xhur qabel il-qatla jew mindu tfaqqsu;]

II.2.4 ġie:

(2) (3) *jew* [II.2.4.1 miksub minn ratiti minn stabbiliment(i):

(a) li jirċievi(u) żjarat regolari ta' spezzjonijiet veterinarji għall-għarfien ta' mard li jiġi trasmess lill-bnedmin jew l-annimali;

(b) li mhux (mhumiex) soġġett(i) għal restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali b'konnessjoni ma xi marda li r-ratiti u/jew tjur oħra huma suxxettibbli għaliha;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 jum ta' qabel;]

(8) (2) *jew* [II.2.4.1 ġie mnaddaf mill-għadam u l-ġilda u ġej minn ratiti li ġew imkabbra/miżmuma fuq l-istabbilimenti għal talanqas tliet xhur qabel il-qatla:

(a) li jirċievu żjarat regolari ta' spezzjonijiet veterinarji għall-għarfien ta' mard li jiġi trasmess lill-bnedmin jew l-annimali;

(b) li mhumiex soġġetti għal restrizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali b'konnessjoni ma xi marda li r-ratiti u/jew tjur oħra huma suxxettibbli għaliha;

(c) li fuqhom ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-marda ta' Newcastle jew tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja fis-sitt xhur ta' qabel u li madwarhom ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal talanqas tliet xhur f'distanza ta' 10 km mill-perimetru ta' dik il-parti tal-istabbiliment li tinkludi r-ratiti, inkluż fejn xieraq it-territorju ta' pajjiż ġar;]

(2) *jew* [II.2.4.1 tnaddaf mill-għadam u l-ġilda u ġej minn ratiti minn pajjiżi fl-Ażja jew fl-Afrika li:

(a) tqegħdu f'iżolament f'postijiet li ma jgħaddux qurdien minnhom taħt programm approvat uffiċjalment għall-kontroll tal-ġrieden għal talanqas 14-il jum qabel il-qatla;

(b) qabel ma ttieħdu fil-postijiet li ma jgħaddix qurdien minnhom:

(2) *jew* [ġew eżaminati biex ikun ivverifikat li ma għandhomx qurdien,]

(2) *jew* [sar trattament fuqhom biex ikun żgurat li l-qurdien kollu li kien fuqhom inqered

bi (speċifika t-trattament): .................................................................................................,

u dan it-trattament ma tax lok għal xi residwi li jinħassu fil-laħam tar-ratiti;]

(c) kienu ċċekkjati għall-preżenza ta' qurdien mal-wasla fil-biċċerija (kull lott), b'riżultati negattivi;]

II.2.5 ma nkisibx minn ratiti li nqatlu taħt kwalunkwe skema tas-saħħa tal-annimali għall-kontroll jew il-qerda tal-mard tat-tjur u/jew tar-ratiti;

II.2.6 ġej minn ratiti:

(2) (6) (9) *jew* [II.2.6.1 li tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-qatla;]

(2) (6) *jew* [II.2.6.1 li ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin ħaj fit-30 jum qabel il-qatla;]

(2) (8) *jew* [II.2.6.1 li ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;]

(2) (8) *jew* [II.2.6.1 li tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta'vaċċin ħaj li ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 iżda ma tlaqqmux fit-30 jum ta' qabel il-qatla;]

(2) (8) *jew* [II.2.6.1 li tlaqqmu kontra l-marda ta' Newcastle bl-użu ta' vaċċin inattivat li jissodisfa r-rekwiżiti tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

(8) (10) [II.2.7 ġejjin minn ratiti minn stabbilimenti li fihom saret is-sorveljanza għall-marda ta' Newcastle skont pjan kampjunarju bbażat fuq l-istatistika li pproduċa riżultati negattivi għal talanqas is-sitt xhur eżatt qabel l-importazzjoni lejn l-Unjoni.]

II.2.8 ġej minn ratiti li waqt il-ġarr lejn il-biċċerija, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur u/jew ratiti infettati bl-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew bil-marda tal-Newcastle;

II.2.9 ġej minn biċċeriji approvati li, fil-ħin tal-qatla, ma kinux taħt restrizzjonijiet minħabba tifqigħa suspettata jew konfermata tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle u f'raġġ ta' 10 km minnhom ma kien hemm l-ebda tifqigħa tal-influwenza tat-tjur b'patoġenità għolja jew tal-marda ta' Newcastle għal talanqas it-30 jum ta' qabel;

*u*

ma ġiex f'kuntatt f'kwalunkwe ħin waqt il-qatla, tqattigħ, ħżin jew ġarr ma' ratiti jew laħam li ma jikkonformax mar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

II.3. **Attestazzjoni tal-benesseri tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan niċċertifika li qrajt u fhimt id-Direttiva 93/119/KE u li l-laħam deskritt f'dan iċ-ċertifikat ġej minn ratiti li ġew trattati skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 93/119/KE fil-biċċerija qabel u waqt it-tbiċċir jew qatla.

**Noti**

**Parti I:**

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kumpartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: Isem, indirizz u numru tal-approvazzjoni tal-istabbiliment li jibgħat.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vaguni tal-ferrovija u t-trakkijiet, l-ismijiet tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjira tal-ajruplan. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

**Parti II:**

(1) 'Laħam tar-ratiti' tfisser kwalunkwe parti, għajr il-ġewwieni, tar-ratiti mkabbra fl-irziezet li huma tajba għall-konsum mill-bniedem u li ma sarilhom l-ebda trattament minbarra trattament kiesaħ biex jiżgura l-preservazzjoni; laħam ippakkjat bil-vakwu jew laħam ippakkjat f'atmosfera kkontrollata għandu jkun akkumpanjat ukoll b'ċertifikat skont dan il-mudell.

(2) Żomm kif xieraq.

(3) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(4) Daħħal l-isem tal-kumpartiment(i).

(5) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni 'N' fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għal-laħam tar-ratiti mkabbra fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem (RAT) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom ikomplu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

(6) Mhux applikabbli għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'VII' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(7) Indika d-data jew id-dati tal-qatla. L-importazzjonijiet ta' dan il-laħam ma għandhomx jitħallew meta jinkisbu minn ratiti li nqatlu fit-territorju jew fil-kumpartiment(i) imsemmi(ja) taħt II.2.1 matul perjodu fejn ġew adottati miżuri restrittivi mill-Unjoni Ewropea kontra l-importazzjonijiet ta' dan il-laħam minn dan it-territorju jew minn dan (dawn) il-kumpartiment(i).

(8) Applikabbli biss għall-pajjiżi bl-annotazzjoni 'VII' fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

(9) Konsenja bħal din ma tistax tintbagħat lejn l-Isvezja jew il-Finlandja.

(10) F'qatgħat mhux imlaqqma din is-sorveljanza ssir permezz tas-seroloġija u f'qatgħat imlaqqma ssir b'tajjar trakeali tar-ratiti.

Veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kbar): Kwalifika u titolu:

Data: Firma:

Timbru:"

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2010 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 100 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, stampati + CD-ROM annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 1 200 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 770 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L+C, CD-ROM fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | 400 EUR fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, CD-ROM, żewġ edizzjonijiet fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | 300 EUR fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C – Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | 50 EUR fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli f'22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Komunikazzjoni u Informazzjoni).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S – Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'CD-ROM waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-formati tas-CD-Rom se jinbidlu bil-formati tad-DVD matul l-2010.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT